"Aħfirli, ma kontx naf x'qiegħed ngħid. Għidli iżda, min hu dak li għandu dritt għalik iżjed minni? Min hu? X'inhu? X'jista'......"

"Ieqaf," wissietni. "Qalbi ma tajtha lil ħadd ħlief lil Ġesù."

"Ġesù?! Qed titlef Bianca?!"

"Le. Irrid insir soru." U nfridna.

Tbissmitli għall-aħħar darba. Infetaħ il-bieb u deher passaġġ twil bis-sorijiet mal-ġenb, weqfin. U Bianca dawret wiċċha minna u telqet ferħana. Stħajjiltha miexja fuq sħab tal-borra, u s-sorijiet sħabha tbiddlu f'anġli jkantaw għana tal-ġenna. Treqitha kienet miksija ġilji, u dawl bħal xita ta' fidda li tgħammex l-għajnejn, bidel lil Bianca. Saret ruħ...nħallilha ġisimha u baqgħet safja bħal ilmet ix-xita. Tbiegħdet u telgħet il fuq sa waslet f'riġlejn Dak li tatu mħabbitha. Niżlet quddiemu u besitlu saqajh. U Hu tbissmilha. Jekk kelli xi għira taret. Hriġt tellief, tassew. Imma min ilumha lil Bianca jekk għażlet bjuda bħal dik; bjuda li ssaħħar ... bjuda bla tmiem.

EVARIST SALIBA.

## LILL - KEWKBA

Rajtek sabiħa tiddi,
Ta' bellus iswed f'sodda tteptep; bewstek
Tal-fidda xxerred, bħal rużetta fina,
Kewba ħanina.
U ta' sbuħitek it-tbissima
Fuq wiċċi xterdet, dawl utiq u ħlejju,
Li d-dlam ta' ħsiebi ċarrat,
U qalbi mela b'ferħ u tama,
Tama ta' għodwa safja,
Biż-żiffa tar-Rebbiegħa,
Bil-wiċċ tar-raba' jidħak
B'nirien ta' ward iħammar qalb is-sfura,
B'tixrid ta' lwien u ħdura......
Kollox mudlam għalissa,
U minn ġol-lejl għal-għodwa; għall-ferħ min-niket;
Għall-bewsa tar-Rebbiegħa
Iċarċar għad id-dmugħ tad-dieqa.
Teptep u iddi, għalhekk, ja kewkba sbejħa;
Sakemm jisbaħ il-jum tennili l-ġrajja
Li tnissel ġewwa qalbi l-ferħ tal-ħajja.

30/3/50. G. B. CASSAR.